

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2010 — DHL Aviation u DHL Hub Leipzig vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-452/08) <sup>(1)</sup>

*(“Għajnuna mill-Istat — Trasport tal-merkanzija bl-ajru — Garanziji fir-rigward tal-operat tal-bażi Ewropea ġdida tal-grupp DHL fl-ajruport ta' Leipzig-Halle — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni u li tordona l-irkupru tagħha”)*

(2010/C 317/49)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: DHL Aviation SA/NV (Zaventem, il-Belġju); u DHL Hub Leipzig GmbH (Schkeuditz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Burnside, solicator, u B. van de Walle de Ghelcke, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Gross, B. Martenczuk u E. Righini, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/948/KE, tat-23 ta' Lulju 2008, dwar miżuri mill-Ġermanja għall-benefiċċju tad-DHL u tal-ajruport Leipzig-Halle (ĠU L 346, p. 1).

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) DHL Aviation SA/NV u DHL Hub Leipzig GmbH huma kkundannati għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 6, 10.1.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Settembru 2010 — Granuband vs UASI — Granuflex (GRANUFLEX)**

(Kawża T-534/08) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva GRANUFLEX — Isem ta' kumpannija u isem kummerċjali preċedenti GRANUFLEX — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(4) u Artikolu 52(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikolu 8(4) u l-Artikolu 53(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2010/C 317/50)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Granuband BV (Krommenie, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: M. Ellens, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: W. Verburg, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Granuflex Ipari és Kereskedelmi Kft (Budapest, l-Ungerija) (rappreżentant: K. Szamosi, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-15 ta' Settembru 2008 (Każ R 1277/2007-2), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Granuflex Ipari és Kereskedelmi Kft u Granuband BV.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Granuband BV hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 44, 21.02.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Ottubru 2010 — Deutsche Behindertenhilfe — Aktion Mensch vs UASI (diegesellschafter.de)**

(Kawża T-47/09) <sup>(1)</sup>

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali diegesellschafter.de — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2010/C 317/51)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Deutsche Behindertenhilfe — Aktion Mensch eV (Mainz, il-Ġermanja) (rappreżentanti: V. Töbelmann u A. Piltz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Pohlmann, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta' Novembru 2008 (Każ R 1094/2008-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjala verbali diegesellschafter.de bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) Ir-rikors huwa miċħud.